MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 30/2008/1

**John Bartolo**

**vs**

**Celestino Cini**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Ottubru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra’ l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab il-hlas ta’ elf tlett mija sebgha u ghoxrin euro u erbgha u sebghin centezmi (€1327.74) rapprezentanti l-valur ta’ bejgh ta’ vettura u li taghha fadallu jithallas l-imsemmi bilanc u peress

illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallas dan l-ammont izda dan baqa’ inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandux jigi kkundannat minn dan l-Onorabbli Tribunal sabiex ihallas lill-attur is-somma kif dovuti bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjlai ta’ Mejju, 2006 u bl-ingunzjoniji tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Ra’ r-risposta tal-konvenut ipprezenatata fit- 2 ta’ April, 2009 fejn eccepixxa lli :

1) preliminarjament it-talbiet attrici llum huma preskritti;
2) illi fi kwalunkwe’ kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ebda’ ammont ma huwa dovut lill-attur mill-konvenut stante illi l-konvenut kien diga’ hallas lill-attur kwalsiasi ammont dovut minnu;
3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
4) Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attur tinsab imsejjah.

Ra’ n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati in atti.

Sema’ u ra’ x-xhieda tal-partijiet kif ukoll ta’ Ellen Bonnici.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ bilanc allegatament dovut lill-attur mill-konvenut fuq bejgh ta’ vettura.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenut kien kontumaci u t-Tribunal gie mitlub ‘in limine litis’ sabiex jaghti decizjoni dwar dan il-punt legali.

Illi jirrizulta lit-Tribunal mill-atti illi l-konvenut Celestino Cini gie regolarment notifikat fl-4 ta’ Novembru tal-2008. Illi fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2008 dehru l-partijiet assistiti u l-konvenut iddikjara lli qieghed jikkontesta t-talba attrici u li kellu jintavola risposta formali. Ra’ illi s-seduta sussegwenti, u cioe’ dik tat-3 ta’ Dicembru, 2008 giet posposta ghat-3 ta’ Jannar, 2009 peress illi l-gudikant ta’ dak iz-zmien kien irrikuza ruhu u baghat l-atti lir-registratur sabiex il-kawza tigi riassenjata. Fil-frattemp il-konvenut kien ghadu ma ntavolax ir-risposta.

Illi l-kawza quddiem it-Tribunal kif presjedut illum giet imhollija ghat-13 ta’ Frar, 2009 izda l-konvenut imsejjah tlett darbiet ma deherx. Illi fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, deher l-attur u d-difensur tieghu u gew ipprezentati kapitoli fil-konfront tal-konvenut Cini peress illi sa dik id-data ma kien hemm ebda risposta intavolata.

Illi permezz ta’ rikors huwa talab lit-Tribunal sabiex jawtorizzah iressaq il-provi ghas-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2009. Ili wara li t-Tribunal sema’ x-xhieda tal-konvenut u sema’ r-raguni tal-kontumacja da parti tal-avukat, fic-cirkostanzi partikolari t-Tribunal ikkonceda hamest ijiem mis-seduta sabiex tigi ntavolata r-risposta u l-kawza giet differita ghas-17 ta’ April, 2009. Illi fit-2 ta’ April, 2009 giet intavolata r-risposta tardivament.

Illi fis-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2009 id-difensur tal-attur irrileva illi r-risposta hija tardiva u ghal darb’ohra l-konvenut waqa’ kontumaci. L-Attur talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenut kontumaci u jisfilza r-risposta prezentata.

Ra’ n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet. Illi t-Tribunal jidhirlu illi ghalkemm il-proceduri fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar jistghu jaghtu lok ghal certu flessibilita’, t-Tribunal huwa marbut bil-parametri tal-ligi. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-konvenut kien inghata opportunita’ sabiex jiggustifika l-ewwel kontumacja u ghalkemm kienu ghaddew hafna xhur minn meta kellha tigi intavolata r-risposta, fic-cirkostanzi t-Tribunal akkordalu hamest ijiem zmien ghar-risposta izda minkejja dan xorta wahda l-konvenut ssokta jinatvola r-risposta tardivament. Illi peress illi kien hemm kontestazzjoni qawwija minn naha tal-attur ghal dan in-nuqqas it-Tribunal kellu jghaddi sabiex jiddeciedi dwar dan il-punt legali.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-konvenut naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza quddiem dan it-Tribunal ghal darbtejn u cioe fit-13 ta’ Frar, 2009 u fis-6 ta’ Marzu, 2009 . Illi fis-seduta tas-6 ta’ Marzu, 2009 gew ipprezentati kapitoli. Illi fis-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2009 deher il-konvenut quddiem it-Tribunal u t-Tribunal sema’ x-xhieda tal-konvenut fejn iggusitifika l-kontumacja tieghu. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal ikkoncedilu terminu qasir sabiex jintavola risposta. Ili l-konvenut ghazel li jinjora t-terminu perentorju koncess lilu mit-Tribunal fis-27 ta’ Marzu, 2009 nonostante il-fatt illi t-terminu fakoltattiv ta’ tmintax-il gurnata moghti lilu skont il-Kap 380, kien gie injorat minnu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-ligi timponi terminu ta’ zmien ghal raguni izda minkejja l-ewwel nuqqas, il-konvenut naqas ghat-tieni darba sabiex idahhal in-nota risponsiva fil-hin perentorju moghti b’ordni tat-Tribunal u ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jikkonferma l-kontumacja tal-konvenut filwaqt illi jordna l-isfilz tar-risposta, izda ha jikkoncedi lill-istess imharrek iressaq nota ta’ sottomissjonijiet dwar il-mertu wara li jkunu nstemghu il-provi attrici.

> Spejjez tas-sentenza in parte a karigu tal-konvenut.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza parzjali bl-aggravji f’dawn it-termini:-

1. Is-sentenza hi nulla u minghajr effett ghaliex bl-ebda mod ma taghmel referenza ghall-ismijiet tal-partijiet fil-kawza;

2. Is-sentenza hi wkoll nulla ghaliex tirreferi ghax-xhieda ta’ certa Ellen Bonnici meta din il-persuna qatt ma ddeponiet fil-proceduri;

3. It-Tribunal applika l-ligi hazin ghaliex hu kien obbligat bhal kull qorti ohra li jikkoncedi t-terminu legali okkorrenti ghall-prezentata tar-risposta u mhux li jakkorcja l-istess terminu, una volta stabilixxa li kienet tezisti gustifikazzjoni ghall-allegata kontumacja tieghu;

4. F’kull kaz it-Tribunal qatt ma seta’ jiddetermina l-kontumacja tieghu ghaliex hu ma kienx lanqas obbligat li jipprezenta risposta formali;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tiddisponi mill-ewwel tliet motivi ta’ aggravji bil-mod infraskritt:-

1. L-ewwel lanjanza hi kompletament fiergha ghaliex l-originali tas-sentenza in atti sottoskritta mill-Gudikatur kjarament tindika l-ismijiet tal-kollitigandi fil-kawza, u ghal finijiet procedurali hi din li tiswa u taghti awtenticita lill-pronunzjament u mhux il-kopja taghha rilaxxjata lill-parti;

2. L-inkluzjoni tax-xhud Ellen Bonnici hi kjarament *lapsus calami* li bl-ebda mod ma tincidi fuq is-sustanza tad-decizjoni;

3. Dikjaratament, l-Artikolu 9 (1) ta’ l-Att V ta’ l-1995 jipprovdi li l-Gudikatur jirregola l-procediment quddiem it-Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq purke fir-rispett tal-principju ta’ gustizzja naturali. Il-fatt allura li l-Gudikatur sedenti deherlu li kellu jabbrevja t-terminu ghall-prezentata tat-twegiba bl-ebda mod immaginabbli ma jinficja l-procediment quddiemu, jew jitraxxendi f’ezercizzju ta’ poter *ultra vires* kif hekk ghogbu jiccensurah l-appellanti. Wiehed irid izomm dejjem prezenti illi l-proceduri quddiem it-Tribunal specjali huma mahsuba skond l-istess volonta tal-legislatur li jitmexxew sommarjament u bi speditezza [Artikolu 9 (2) (a) ta’ l-Att] u, dippju, li n-nuqqas tal-harsien ta’ xi formalita` da parti ta’ l-istess Tribunal ma jgibx lanqas l-invalidita` tal-procediment [Artikolu 9 (3) ta’ l-istess Att];

Spjanat it-terren minn dawn l-aggravji, alkwantu inutili, jekk mhux ukoll futili ghall-ahhar, ir-raba’ u l-ahhar aggravju huwa certament aktar serju u meritevoli ta’ debita konsiderazzjoni;

Hu l-argoment baziku ta’ l-appellanti illi:-

(a) Huwa ma naqasx milli jidher fil-proceduri u anke jikkontesta t-talba;

(b) Ir-Regolamenti sussidjarji introdotti bl-Avviz Legali 145 tas-sena 1995 ma kienux jesigu l-prezentata obbligatorja tar-risposta ghat-talba tal-kontroparti ghaliex mit-termini tar-Regolament 4 tali prezentata hi biss wahda fakoltativa;

(c) Ghat-tishih ta’ din l-ahhar proposizzjoni tieghu l-appellanti jirrikorri ghas-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Emanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**”, 22 ta’ Novembru, 1996 u “**Philip Ellul -vs- Peter Galea**”, 14 ta’ Jannar, 1996;

Kontra dan l-argoment l-attur javvanza dawn il-proposizzjonijiet:-

1. Kien doveruz fuq il-konvenut illi jdahhal risposta;

2. Is-subartikolu (2) tar-Regolament 4 tal-precitat Avviz Legali jistabilixxi b'mod tassattiv illi "l-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talba fi zmien tmintax-il jum mid-data li fiha jkun notifikat bl-avviz";

3. Is-sentenzi fuq citati ma jghoddux ghal fattispeci tal-kaz prezenti in kwantu fihom il-Qorti kienet qeghda tiprospetta qaghdiet fejn il-konvenut jonqos li jidher u mhux ukoll dik tas-sitwazzjoni prezenti fejn il-konvenut jonqos milli jirrispondi;

Bi twegiba ghad-deduzzjoni ta' l-appellanti u wkoll il-kontro-deduzzjoni ta' l-appellat din il-Qorti jidhrilha li ghandha bi preliminari tirriproduci ghal dak li jiswa d-dispost ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att principali li jipprovdi fis-subinciz (b) tieghu illi "jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu VI tat-Titolu 1 tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu *mutatis mutandis*";

Jinzel car minn dan il-provvediment illi l-kontumacja tal-konvenut quddiem it-Tribunal hi ravvizata fl-assenza tieghu li jidher jew ukoll ma jipprezentax ruhu biex iwiegeb ghall-interrogatorju kapitolat. L-attur appellat ma jidherx li jaqbel ghal kollox ma' dan ghaliex isostni illi l-kontumelja tal-konvenut tingieb fis-sehh bin-nuqqas tieghu li jipprezenta risposta ghat-talba tieghu, kif mir-Regolamenti stabbilit;

Il-kwestjoni hawn prospettata mhix *novitur deductus* u gja giet ezaminata minn din il-Qorti f'xi sentenzi taghha fejn qam il-punt illi l-konvenut ma pprezentax ir-risposta tieghu;

Is-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Lennart Depasquale -vs- Filippo Cachia**", Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 1996 per Imhallef Joseph Said Pullicino, tenuncja l-hsieb segwenti:-

"In-nuqqas li tigi prezentata risposta mill-konvenut fiz-zmien stabbilit bl-ebda mod ma timporta l-kontumacja tieghu. Il-kontumacja tal-konvenut hi stabbilita bl-Att Numru V ta' l-1995 u senjatament bl-Artikolu 13 u mhux konsentit li tali kontumacja li hi strettament marbuta man-nuqqas tal-konvenut li jidher (sottolinejar ta' dik il-Qorti) f'zewg seduti li fihom ikun ser isir is-smiegh tal-kawza, ma tista' tigi b'xi mod estiza biex tkopri cirkostanzi ohra. Lanqas permezz ta' regolamenti maghmula in forza ta' l-istess Att mit-Tribunal. Regolamenti li ghandhom jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri imma ma jistghux jimponu jew iwasslu ghal sanzjonijiet li l-ligi ma tikkontemplax. *Multo magis* meta tali sanzjoni tkun timporta c-cahda ta' udjenza ta' parti fil-kawza quddiem it-Tribunal";

Tali enuncjazzjoni giet minn din il-Qorti kif presjeduta abbraccjata fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru, 2005 in re: "**GasanMamo Insurance Agency Limited *et* -vs- UCIM Company Limited *et***",

Innegabilment huwa wkoll in bazi ghall-predetta konsiderazzjoni tal-Qorti f'dawk id-decizjonijiet li ssib sussidju l-osservazzjoni agguntiva estratta mis-sentenza "**Emmanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**", ukoll moghtija fit-22 ta' Novembru, 2006, jigifieri, illi "huma biss f'dawn ic-cirkostanzi li l-ligi tqis li l-konvenut ikun hati ta' din il-kontumelja lejn is-sejha tat-Tribunal biex jidher quddiemu billi jikkontesta l-kawza u li jiggustifika li l-kawza tigi mismugha u deciza fl-assenza taghha";

Evidentement, in bazi ghall-atti t-Tribunal kieku ried seta' bis-sahha ta' l-Artikolu 13 (b) ddispona mill-vertenza fl-okkazjoni fejn il-konvenut assentixxa ruhu (ara verbal tas-6 ta' Marzu, 2009, fol. 9), izda la dan ma sarx hekk dakinhar ma setax imbaghad jippronunzja ruhu aktar tard fuq il-kontumacja tal-konvenut ghan-nuqqas minn dan tal-prezentata tar-risposta entro t-terminu koncess;

Fic-cirkostanzi in vista tal-premess huwa l-kaz li din il-Qorti tiddissenti ruhha mid-decizjoni tat-Tribunal u tirrimandalu l-atti lura.

Ghal motivi prdedetti din il-Qorti qed tilqa' r-raba' aggravju tal-konvenut, thassar is-sentenza tat-Tribunal u tirrinvija l-atti lura lil dan ghal decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez tal-prezenti appell jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti, hlief ghad-dritt tar-Registru li ghandu jibqa' sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------